MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 85/2011

**Lawrence Micallef**

**Vs**

**George Galea**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-21 ta’ Marzu 2011, fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5,000) rapprezentanti import ta’ hames kambjali kollha ffirmati fit-3 ta’ Gunju 2009 u li mmaturaw fit-30 ta’ Settembru 2009, 30 ta’ Ottubru 2009, 30 ta’ Novembru 2009, 30 ta’ Dicembru 2009 u 30 ta’ Jannar 2010.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali numru 2836/10 bl-imghax legali sal-hlas effettiv u b’hekk il-konvenut jibqa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-intimat kienet debitament notifikat seduta stante nhar is-7 ta' Lulju 2011 fejn fil-presenza tal-avukat difensur tieghu inghata ghoxrin jum sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat illi nonostante din l-opportunita' moghtija lilu l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2010 l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2011 l-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba tal-attur u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba tal-atttur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------